# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 4

16 ta' Settembru, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.39 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 4**

4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tat-Tielet Minuti ta' dan il-Kunsill;
4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
4.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
4.6 Rapport ta kull kwart Apr – Ġun 2019;
4.7 Sotto Kumitati;
4.8 Contracts Manager;
4.9 M4.4 - Applikazzjoni;
4.10 Proġett - Pjazza Santa Margerita;
4.11 Proġett - Dogs Park / Horse Pool;
4.12 Attivita' - Lejla Raħlija;
4.13 Attivita' - Jum Dinji tat-Tfal 2019;
4.14 Attivita' - Ħarġa Kulturali;
4.15 Milied 2019;
4.16 Ilmenti u Suġġerimenti;
4.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 08/2019;
4.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.
Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri taw il-kondoljanzi lill-Kunsillier Bajada għat-telfa ta' ommu.

## 4 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

4.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-tielet Minuti ta' dan il-Kunsill

4.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 3 – 9 ta' dan il-Kunsill li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward it-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel fejn ġiet diskussa fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill u fejn il-Kunsill qabel li jikteb lis-Superintendent bl-Avukat Dr Matthew J Brincat. Is-Sindku qal li dan l-Avukat kiteb u l-Kunsill baqa bla risposta, għalhekk il-Kunsill talab laqgħa mas-Superintendent. Is-Superintendent għandu jgħati appuntament ghal din il-ġimgħa. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.3.2 Is-Sindku qal li saret il-laqgħa mall-Kuntrattur tal-proġett ta' Triq Sannat nhar il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu 2019 flimkien mall-Perit, biss dan mhux qed jimxi mall-work plan provduta. Dan il-Kuntrattur għandu jkun preżenti waqt din il-laqgħa biex il-Kunsill jiddiskuti dan il-proġett miegħu. Is-Sindku qal li dan l-aħħar fuq il-media soċjali ta' Facebook deher post minn Eks Kunsillier li ma tantx jġib rispett lill-Kunsill Lokali dwar din it-triq. Is-Sindku qal li hu jħoss li dan għandu jwieġeb b'Avukat u l-Kunsill qabel.

4.3.3 Is-Sindku qal li l-kuntratt mall-Kuntrattur biex jibda ix-xogħol fuq il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ minn Miżura 4.4 b'fondi ewropej għandu jiġi ffirmat fil-ġranet li ġejjin biex b'hekk jibda ix-xogħol fi Triq Bardan u fi Triq Mġarr ix-Xini. Dwar Triq Mġarr ix-Xini l-Kunsill kien tkellem kemm mad-Direttur ta' ECO Gozo u mall-ARPA u ma jidirx li hemm double funding fuq din it-triq. Dan ix-xogħol għandu jitlesta fi żmien 4 xhur mid-data tal-kuntratt.

4.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Cadets Malta avviċinat lilu f'isem il-Kunsill u lil parroċċa biex tiġi nstallata automated external defibrillator (AED) fuq iż-żuntier tal-knisja fi Pjazza Santa Margerita. Din tista tagħmel id-differenza bejn ħajja u mewt lil min jiġi bżonn. Għal dan il-għan se jingħata taħriġ neċessarju kif taħdem lil kull min hu nteressat. Dan it-taħriġ ser isir fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsillieri huma mħeġġa li jattendu flimkien ma rappreżentanti tal-għaqdiet tal-lokalita' għal dan it-taħriġ peress li l-postijiet huma limitati.

4.3.5 Is-Sindku qal li fil-Playing field ġiet irrapurtata siġra oħra tal-palm infettata bil-bumunqar aħmar u għalhekk il-Kunsill talab lill-ELC biex tagħti kwotazzjoni ta kemm hi l-ispiża sabiex din il-palma tinqala' u tintrema. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill se javża li ser terġa tingħata t-tilqima kontra l-Influenza b'xejn għal persuni 'l fuq minn 55 sena u persuni li jsofru minn xi marda kronika. Kull min hu nteressat hu mitlub jinkiteb u jipprovdi n-numru tal-karta tal-Identita' fl-Uffiċċju tal-Kunsill sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħamis 26 ta' Settembru, 2019 waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju. Sabiex tingħata din it-tilqima se tintalab nurse biex tagħmel dan ix-xogħol.

4.3.7 Is-Sindku qal li l-offerta tal-ġbir tal-iskart domestiku konġunta flimkien mall-Kunsill Lokali ix-Xagħra u l-Kunsill Lokali ix-Xewkija wara li kienet reġgħet ħarġet mill-ġdid issa għalqet nhar il-Ġimgħa 13 ta' Settembru 2019 u din ser tiġi aġġudikata w evalwata mill-bord kompost apposta nhar il-Ħamis li ġej, 19 ta' Settembru 2019.

4.3.8 Is-Sindku fakkar li fil-laqgħat preċedenti kien qal li l-Ministeru għal Edukazzjoni kien talab lill-Kunsill sabiex jinnomina persuna għal kariga ta' President tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja ta' Sannat. Il-Kunsill avviċina persuna iżda din mhix eleġibbli peress li għandha t-tfal tagħha jattendu fl-istess skola. Il-Ministeru qal li għandu jkellem lill-Kap tal-iskola ukoll dwar dan. Sadanittant il-Kunsill għandu jara jekk isibx lil xi ħadd.

4.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv irċieva lura mingħand id-Direttur Moniteraġġ u Sapport tad-DLG dwar l-Ambaxxatur Lokali taż-Żagħżagħ, li hija deċizjoni tal-Kunsill jekk jaħtarx Ambaxxatur jew le u li jekk jiġi maħtur, il-Kunsillier responsabbli miż-Żagħżagħ għandu jkun responsabbli minnu.

4.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minn Ottubru 2019 il-kumpanija WasteServ se tgħamel kampanja ta social marketing kull tlett ġimgħat bejn id-9.30 a.m. u s-13.30 p.m. bi truck fejn se tiġbor ċertu skart domestiku minflokk ma jittieħed fis-Civic Amenity Site. Huma ssuġġerew li dan it-truck jiġi pparkjat fi Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill ma qabilx mall-post li għażlu huma u qabel li dan għandu jkun fi Triq Marziena wara l-ħajt tal-iskola.

4.3.11 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn National Federation of Assocation of Dance Schools fl-Italja biex il-Kunsill ikun parti minn applikazzjoni ta' fondi ewropej. L-għan ta dan il-progett hu dwar żfin.

4.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kumpanija Vodafone applikat ma' Transport Malta fejn talbet biex minn Triq Palazz Palina u Triq Skerla jgħaddi l-fiber optic u għalhekk għandha ssir laqgħa ma din il-Kumpanija biex jiġi spegat fid-dettal dan ix-xogħol.

## 4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

4.4.1 Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

## 4.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

4.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li peress li live stream tal-laqgħat tal-Kunsill kienu jaħdmu fuq Flash-based meta saru fl-2014 irid isir update fis-software għal prezz ta €125.00 (VAT eskluż). Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan l-upgrade. Sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill qed jaħdem biex dawn il-laqgħat jiġu video on demand.

4.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet u Direttiva mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

Ċirkulari Numru 14A/2019: *Corrigendum* għal Ċirkulari 14/2019

Ċirkulari Numru 17/2019: Komunitajiet

Direttiva 3/2019: *Contracts Managers*

4.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

9 ta' Awwissu 2019 RE: Cir AKL 2019/038 Malta Pride initiative 2019

17 ta' Awwissu 2019 Cir AKL 2019/073 – eSkills Malta Foundation

19 ta' Awwissu 2019 RE: Cir AKL 2019/058 – Ġbir ta' informazzjoni fuq Membri tal-Kunsill, Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema.
23 ta' Awwissu 2019 Cir AKL 2019/091 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 23

23 ta' Awwissu 2019 Cir AKL 2019/092 – Rapport mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Rapport maħruġ mill-Uffiċju tal-Awditur Ġenerali rigward il-ħaddiema mal-CWSEF

27 ta' Awwissu 2019 RE: Cir AKL 2019/080 – Reġistrazzjoni għas-Sessjoni ta' Taħriġ għall-Membri Eletti 14/09/2019

27 ta' Awwissu 2019 Cir AKL 2019/093 – Social Media

27 ta' Awwissu 2019 Cir AKL 2019/094 – European Mobility Week – Permanent Sustainable Mobility Measures

28 ta' Awwissu 2019 Cir AKL 2019/095 – Inizjattivi Wasteserv

28 ta' Awwissu 2019 RE: Cir AKL 2019/080 – Reġistrazzjoni għas-Sessjoni ta' Taħriġ għall-Membri Eletti 14/09/2019. Għal din is-sessjoni ġew irregistrati s-Sindku u l-Viċi Sindku.

2 ta' Settembru 2019 FW: Cir AKL 2019/093 Social Media

3 ta' Settembru 2019 Cir AKL 2019/099 – Invitation for Local Councillors for DELTA TECH WEEK – PLS CHECK

3 ta' Settembru 2019 Cir AKL 2019/098 – LESA End of Day Reports

6 ta' Settembru 2019 Cir AKL 2019/101 – Tindif ta' culverts tal-ilma tax-xita

10 ta' Settembru 2019 Cir AKL 2019/103 – Żoni problematiċi – Caravans

10 ta' Settembru 2019 Cir AKL 2019/104 – PRIORITY INFORMATION VISIT TO THE EU INSTITUTIONS 28-30 October 2019

11 ta' Settembru 2019 Cir AKL 2019/106 Seminar dwar Provvediment ta' Żvilupp u

Implimentazzjoni ta’ Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali

12 ta’ Settembru 2019 Cir AKL 2019/107 – LCA & Greenpak – TAIEX Peer to Peer Exchange with Local Councils from Belgium

## 4.6 Rapport ta’ kull kwart Apr- Ġun 2019

4.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tat-tieni kwart April – Ġunju 2019 u li dan kien intbgħat minn qabel permezz ta’ imejl lill-Kunsillieri. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport u approvaħ.

4.6.2 Fis-14.32 is-Sindku ssospenda l-laqgħa fejn kien hemm diskussjoni mall-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. tal-proġett ta’ Triq Sannat

4.6.3 Fis-14.50 din il-laqgħa tkompliet wara li l-Kuntrattur ħareġ mill-kamra.

## 4.7 Sotto Kumitati

4.7.1 Is-Sindku talab lil Viċi Sindku u lil Kunsillieri biex jgħatu l-lista tal-persuni li se jinħatru fis-sotto kumitati tad-dikasteri tagħhom biex b’hekk jiġu approvati mill-Kunsill u b’hekk il-Kunsill Lokali jkun jista jħejji l-Pjan ta’ Ħidma.

## 4.8 Contracts Manager

4.8.1 Is-Sindku qal li dan l-aħħar is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet stieden lis-Sindki u s-Segretarji Eżekuttiv tal-Kunsilli Lokali għal konferenza stampa dwar Contracts Manager f’kull lokalita’. Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel li għandu jara x’se jiġri fir-Reġjun.

## 4.9 M4.4 – Applikazzjoni

4.9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Miżura 4.4 fondi ewropej ser għada miftuħa jew se terġa tiftaħ. Din il-miżura tikkonsisti f’bini u manutensjoni ta’ ħitan tas-sejjieħ. Il-Kunsill qal li għandu jara dan u li nteressart li jerġa japplika għal bini u manutensjoni tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq ta’ Bebunaq, Triq tal-Gruwa, Triq id-Daħla taċ-Ċnus u Triq ix-Xewkija.

## 4.10 Proġett - Pjazza Santa Margerita

4.10.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 11 ta’ Settembru 2019 saret laqgħa mall-Ministru għal Għawdex dwar il-Proġett ta’ Pjazza Santa Margerita. Waqt din il-laqgħa sar qbil li għandu jiġi ffirmat kuntratt ġdid dwar dan il-proġett. Is-Sindku qal li f’din il-laqgħa ġie diskuss li l-Ministeru qal li se joħroġ l-offerta ta’ dan il-proġett hu, iżda r-responsabbilta’ mill-proġett se tkun konġunta mall-Kunsill u l-Perit li ħejja l-istess proġett. B’hekk il-Kunsill għandu jgħaddi d-dokumenti tal-budġit u d-dokumenti tal-offerta aġġornati lil Ministeru biex b’hekk jibda il-proċess għall-offerta wara li l-Kunsill jiffirma dan il-kuntratt. Dwar dan kien hemm qbil

mill-Kunsill. Is-Sindku qal li hu nforma lill-Ministeru għal Għawdex dwar l-istat perikoluż tas-siġar tal-Oleander li jinsabu f'din il-pjazza peress li z-zkuk tagħhom huma msewsa u oħrajn mqaċċtin u mgħawġin peress li meta tħawwlu dejjem tħallew fuq zokk wieħed. Dwar is-siġra tal-Awrikarja li għal xi żmien iddajfet u wara li saru l-interventi meħtieġa din donna qed tirpilja. Il-Kunsill għandu jitlob biex isir rapport dettaljat dwar dawn is-siġar u jara x'għandu jsir biex f'din il-pjazza jkun hemm uniformita tas-siġar. Il-Kunsillier Tewma staqsa jekk hux possibli li x-xelter f'din il-pjazza jiġi restawrat biex ikun attrazzjoni ta' wirt storiku u jekk dan hux aċċessibli. Is-Sindku qal li minn informazzjoni li għandu f'dan ix-xelter hemm xi cables u wires tad-dawl għaddejin minnhu u li wieħed għandu jara x'hemm taħt wiċċ din it-triq.

## 4.11 Proġett Dogs Park / Horse Pool

4.11.1 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Gauci peress li għandhu r-responsabilta' tad-dikasteru tal-Amjent u l-Ħarsien tal-Annimali biex flimkien jibda jkun hemm studju biex il-Kunsill jkun jista jara x'inhi l-possibilta' biex isiru dogs park u horse pool. B'hekk il-Kunsill ikun jista jara x'possibiltajiet hemm biex l-Kunsill ikun jista' japplika ukoll għal fondi għal dawn il-proġetti. Dawn il-proġetti bil-ħsieb li jsiru ħdejn il-Ġnien tal-Bidwi.

## 4.12 Attivita' – Lejla Raħlija

4.12.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħas-sena l-oħra l-Għaqda tan-Nar avviċinatu biex għat-tieni sena konsekuttiva issir l-attivita' Lejla Raħlija. Għalhekk il-Kunsill qabel biex bħas-sena l-oħra l-Kunsill jikkomunika mas-Segretarjat Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali biex din l-attivita' tkun tista' ssir. Din l-attivita' għandha ssir nhar is-Sibt 12 ta' Ottubru 2019, mis-7.00 p.m., fi Triq l-Isqof David Cocco Palmeri madwar il-monument ta' Mro. Vincenzo Caruana Spiteri. Għal din l-attivita' għandhom jiġu avviċinati l-għanneja minn Malta, l-grupp tad-daqqaqa folkloristiċi Ta' Seguna, dwal, P.A. system, palk, mowjal toilets u ovjament il-posters u flyers.

## 4.13 Attivita' – Jum Dinji tat-tfal

4.13.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħas-snin l-imgħodija il-Kunsill għandu jerġa jorganizza l-attivita' ta' Jum Dinji tat-tfal li din is-sena se jaħbat fl-20 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel li din tiġi organizzata nhar il-Ħadd 17 ta' Novembru 2019, mis-1.00 p.m. sal-5.00 p.m., fi Pjazza Santa Margerita fejn isir logħob divertenti għat-tfal. Dan ser isir b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill għandu jaħseb għal PA system, logħob u flyers fejn bħas-soltu jitqassmu lit-tfal f'kull skola primarja f'Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandu jara jekk il-Kunsill jistax japplika mill-fondi tal-LESA li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għaddew lill-Kunsill biex b'hekk il-Kunsill jivdi l-ispejjes konnessi ma din l-attivita'

## 4.14 Attivita' – Ħarġa Kulturali

4.14.1 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Tewma responsabbli mill-Kultura biex flimkien miegħu u mall-Viċi Sindku jiddiskutu u joħolqu programm għal ħarġa kulturali f'Malta.

## 4.15 Milied 2019

4.15.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li għaż-żmien tal-festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena, il-Kunsill għandu jżejjen bi dwal dekorattiv Triq Sannat u Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni li dan ikun jista jsir basta Triq Sannat tkun lesta mix-xogħolijiet tal-wiċċ ta' triq filkaż tiġi mżejna biss il-pjazza ewlenija. Bħas-snin l-imgħoddija il-Kunsill għadu jarma l-presepju fil-pjazza. Kien hemm qbil biex jintalbu kwotazzjonijiet għal dan it-tiżjin.

4.15.2 Is-Sindku qal li bħas-snin l-imgħoddija matul ix-xahar ta' Diċembru, l-Kunsill għandu jżur lill-anzjani u lil dwak il-persuni bi bżonnijiet speċjali biex b'hekk nuru solidarjeta ma dawn il-persuni fil-lokalita' tagħna. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

4.15.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għandu jsir treat żgħir lill-għadiet (NGO's) voluntiera tal-lokal. Din id-data għandha tiġi ffissata l-quddiem. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.15.4 Is-Sindku qal lill-Kunsill li matul il-vaġanzi tal-Milied tat-tfal, is-soltu l-Kunsill jorganizza ħarġa fejn it-tfal jaraw film edukattiv u tingħatalhom Christmas treat. Dwar dan kien hemm qbil.

## 4.16 Ilmenti u Suġġerimenti

4.16.1 Il-Kunsill irċieva ilment li ġewwa Pjazza tax-Xelina hemm bankina li qegħdha diżinvellata u diġa weġġgħu xi nies minħabba dan l-inkonvenjent. Is-Sindku qal li din il-bankina diġa saret darbtejn u dejjem ġiet iċċertifikata mill-perit u li din saret skond is-sengħa u l-arti.

4.16.2 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta li toqgħod fi Triq Ras in-Newwiela rigward bozza li qegħda tpetpet quddiem ir-residenza tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan l-ilment ġie mgħoddi lill-Kuntrattur.

4.16.3 Il-Kunsill irċieva suġġeriment minn resident ġdid li beda joqgħod fi Triq Ta' Ċenċ fejn issuġġerixxa li Triq Ta' Ċenċ tinbidel f'*one way* il-fuq u Triq Dun Xand Aquilina tinbidel f' *one way* l-isfel dan sabiex jiġi evitat it-traffic. Dan ir-resident staqsa ukoll fejn jista' jarmi l-iskart meta ma jkunx id-dar matul il-ġimgħa. Dwar dan l-ilment is-Sindku qal li għandu laqgħa ma Transport Malta. Dwar l-iskart l-uffiċċju nforma lir-resident li jrid jara hu kif se jiddisponi minnu peress li hemm dan is-servizz matul il-ġimgħa kollha.

4.16.4 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta li toqgħod fi Triq Sannat fejn talbet li tittranġa mill-aktar fis possibli t-tappiera kif suppost peress li qed jidħol ħafna ilma u jamlilha ħafna ħsara. Sadanittant dalgħodu din ir-residenta ġabet ittra mingħand Avukat dwar dan il-każ. Is-Sindku qal li l-Kunsill ħa azzjoni mill-ewwel u diġa kellem lill-Kuntrattur.

4.16.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team – MGOZ rigward toqba perikoluża ħdejn iċ-ċimiterju Ta' Sannat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mir-ritratt din l-ħofra mhux qedgħa fi Triq ix-Xewkija iżda Triq il-Kalkara tal-Ġir u għalhekk taqa' taħt ir-responsabilta' ta' Kunsill ieħor.

4.16.6 Il- Kunsill irċieva imjel mingħand residenta li toqgħod fi Triq Paranji rigward l-istat li tinsab fija din it-triq speċjalment wara ġurnata xita. Il-Kunsill qabel li dwar dan l-ilment għandu jiġi nfurmat Transport Malta u l-Ministeru għal Għawdex.

4.16.7 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team – MGOZ minħabba skart fi Triq Mġarr ix-Xini. Dwar dan l-imejl is-Segretarju Eżekuttiv analizza r-ritratt provdut u rriżulta li dan hu fi

Triq tal-Lewż u li din it-triq taqa' fir-responsabbilta' ta' Kunsill ieħor.

4.16.8 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team – MGOZ rigward ħitan imġarrfa fi Triq ix-Xewkija. Il-Kunsill għandu jara kif jista' jgħamel biex dawn il-ħitan jinbnew.

4.16.9 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident sabiex isiru double yellow lines quddiem garage fi Triq l-10 ta' Ottubru peress li ma jkunx jista' jidħol u joħroġ bid-dgħajsa. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Transport Malta.

4.16.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill u wera ritratti ta' żewġ tabelli li jindikaw devjazzjoni li spiċċaw bl-elementi tax-xemx. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jinbidlu. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni biex tiġi nstallata tabella biex tindika t-triq għal Bajja ta' Mġarr ix-Xini u Merħba signs ġodda Ta' Sannat.

4.16.11 Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni li fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq Saguna hemm mera miksura. Il-Kunsill qabel li din tinbidel ma waħda ġdida.

4.16.12 Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni li l-Bus Stop fi Triq il-Kbira fejn qed tieħu spazju ta' tlett parkeġġi u li kien intalab biex din tiġi mmexxija għal quddiem il-Ġnien tal-Vittmi u anke dwar No Entry minn Triq il-Kbira għal Triq Saguna għadu ma sar xejn. Is-Sindku qal lill-Kunsill li meta kienu se jiġu nstallati s-sinjali No Entry ġie nnutat li minn din it-triq għaddej high tension tad-dawl u għalhekk il-Kunsill talab lill-EneMalta biex jara eżatt minn fejn hu għaddej. Dan ix-xogħol għandu jitwettaq wara li l-EneMalta timmarka minn fejn għaddej dan il-high tension biex nevitaw kull periklu.

4.16.13 Il-Viċi Sindku ssuġġerit li jsir proġett ta' Clean Up Campaign. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva u qal li din l-attivita' tista tkun waħda tajba bl-għajnuna tat-tfal tal-iskola primarja biex b'hekk titqajjem kuxxjenza soċjali sa minn eta' żgħira għalhekk din l-inizjattiva se titħala għal aktar tard matul is-sena skolastika li ġejja.

4.16.14 Il-Viċi Sindku qalet li xi residenti lmentaw li dan l-aħħar meta r-residenti qed ikollhom ittri jew pakketti mibgħuta bil-Maltapost ndirizzati f'Ta' Sannat meta jkun il-każ, dawn qed jintalbu biex dawn jinġabru mill-fergħa tal-Maltapost f'Għajnsielem minflokk bħal qabel mill-uffiċċju tal-Belt Victoria. Is-Sindku qabel ma dan u qal li r-residenti li lmentaw miegħu wkoll li jixtiequ li dan is-servizz jibqa jingħata mill-uffiċċju tal-Belt Victoria. Il-Kunsill talab biex tintbgħat ittra lill-Chairman tal-Maltapost b'dan l-ilment.

4.16.15 Il-Kunsillier Tewma qed jitlob fuq talba tar-residenti li joqgħodu fi Triq Dun Xand Aquilina biex il-gradilji tal-Water Culverts li hemm installati f'din it-triq jiġu ssiġilati għaliex qed iħabtu speċjalment bil-lejl. Dwar dan il-Kunsill kien kellem lill-kuntrattur li kien għamel dan ix-xogħol biss dan ma resaqx 'l hawn biex jgħamel dak rikjest.

4.16.16 Il-Kunsillier Tewma ġibed l-attenzjoni biex issir manutenzzjoni lill-matunċina fi Pjazzetta tax-Xelina. Dwar dan il-Kunsill kien kellem lill-kuntrattur li kien għamel ix-xogħol biss dan ma resaqx 'l hawn.

4.16.17 Is-Sindku qed jissuġġerixxi biex wieħed jara biex il-Kunsill ikun jista' jibbenefika fondi biex jsir restawr fil-Ġnien tal-Vittmi fi Triq il-Kbira.

4.16.18 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jara minn fejn jista' jibbenefika fondi biex il-fanali fi Triq it-28 ta' April, 1688 jiġu mibdulha peress li qed jispiċċaw bl-elementi naturali.

4.16.19 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li għal l-aħħar tal-leġislatura preċedenti l-Kunsill kellu xi laqgħat mall-kumpanija Faces Consultant dwar bus shelters ġodda u dwar dan il-Kunsill għadu bla risposta.

4.16.20 Is-Sindku talab lill-Kunsill fuq talba ta xi residenti biex jiġi nstallat dogs bin ġdid fi Triq it-Tempju tal-Imramma. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.16.21 Is-Sindku nforma lill-Kunsill fuq talba ta' xi residenti biex isiru double yellow lines fi Triq l-20 ta' Lulju u fi Triq l-10 ta' Ottubru 1942. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 4.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 8/2019

4.17.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 8/2019 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 4.18 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-aħħar laqgħa.

4.18.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 24 ta' Ottubru 2019, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 24 ta' Ottubru 2019

**(Iffirmata)**

Philip Vella
Sindku

**(Iffirmata)**

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv